**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2344/96 AJM

Kawza numru

Wisco International Limited

Vs

Avukat Edwina Chetcuti u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante nominati b'digriet tal-5 ta' Awissu 1996 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw l-interessi ta' l-assenti Jamal Ahmed Ashur u b'digriet tas-16 ta' Awissu 1996 gew mahruga l-kuraturi deputati u sostitwiti bl-Avukay Dr. Matthew Brincat

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-11 ta' Lulju 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li s-socjeta' attrici kienet qabdet is-servizzi

tal-konvenut biex jottjeni u jikkonkludi, ghall-beneficcju tal-istess socjeta' attrici, kuntratti ta' bejgh ta' merkanzija bejn is-socjeta' attrici u kumpaniji jew persuni libjani fil-Libja; illi l-konvenut naqas totalment milli jadempixxi dan l-inkarigu, anzi ghall-kuntrarju, ikkaguna hsara u danni ngenti lis-socjeta' attrici; illi s-socjeta' attrici kienet ivversat f'idejn il-konvenut u f'idejn terzi, skond l-istruzzjonijiet tal-konvenut, is-somma ta' elfejn mitejn u hamsa u tletin dollaru amerikani (US$2235) u kif ukoll is-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500) ghall-fini ta' dan il-progett illi kellu jigi abbandunat minhabba l-hsara u dannu kkagunati mill-konvenut; illi nonostante interpellat sabiex jirrestitwixxi dawn is-somom ghalhekk imhallsa indebitament u li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni u hsara minnu kkawzati, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrifondi ossia jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma fi flus maltin ekwivalenti ghal US$2235 kif ukoll is-somma ta' LM500, liema somom ta' flus gew imhallsa indebitament lill-konvenut jew lill-terzi, skond l-istruzzjonijiet tal-konvenut, mis-socjeta' attrici ghall-fini ta' progett fil-Libja illi kellu jigi abbandunat minhabba l-hsara u dannu kkagunati mill-konvenut;
2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma illi tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi, in linea ta' danni sofferti mis-socjeta' attrici b'kagun tal-inadempjenza tal-konvenut fl-adempimenti tal-inkarig minnu assunt u kif ukoll tal-hsara finanzjarja, konsistenti f'telf ta' flus u profitti, kkagunati bl-agir tal-istess konvenut u sofferti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat kawtelatorju ta’ Qbid pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-prezentata ta’ l-atti odjerni, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota ta’ Dr Matthew Brincat nomine presentata fil-25 ta’ Marzu 1997 li permezz taghha eccepixx:-

1. Illi l-ewwel talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt inkwantu l-ammonti imsemmija, pju ammont ferma akbar, li gew imhallsa mill-awtur ta’ l-eccipjenti u li jifformaw il-mertu ta’ kontro-talba iktar-il quddiem, gew imhallsa kollha akkont u fl-interess tal-istess socjeta’ attrici, u bl-approvazzjoni espressa taghha.
2. Illi t-tieni talba attrici inkwantu mhux preceduta minn talba ghall-dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ ghad-danni allegati da parti ta’ l-awtur ta’l-eccipjent.
3. Illi s-socjeta’ attrici ma sofriet ebda danni ta’ ebda tip minhabba xi allegata inadempjenza ta’ l-awtur ta’ l-eccipjenti, illi qieghda debitament il-funzjonijiet kollha lilu spettanti.
4. Illi kienu d-dirigenti tal-istess socjeta’ attrici illi bl-agir taghhom irrendew l-intrapriza kummercjali proposta inutili kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-kontro talba tal-konvenut fejn wara li ppremetta illi ghal habta ta’ Gunju 1995, Anthony Wismayer ghan-nom tas-socjeta’ rikonvenuta, kien

inkariga lill-awtur tal-konvenut rikonvenjenti sabiex juza l-abbilitajiet tieghu sabiex jkun jista jintroduci l-prodotti manifatturati mis-socjeta' rikonvenuta fis-suq libjan u dan senjatament billi jipprova jikseb l-accettazzjoni ghall-partecipazzjoni tas-socjeta' rikonvenuta fil-Fiera, maghrufa bhala Aswaq Fair, illi kellha tinzamm fil-Libja dik is-sena stess, liema nkarigu hu ukoll konfermat f'dikjarazzjoni rilaxxata fis-17 ta' Lulju 1995, mis-socjeta' rikonvenuta Dok A; illi l-konvenut, in adempiment tal-inkarigu lilu moghti, ikkuntatta diversi persuni li kienu involuti fil-kamp relattiv, u wassal biex is-socjeta' rikonvenuta tigi debitament registrata u accettata bhala partecipanti fil-Fiera imsemmija u ulterjorment bhala socjeta' accettata mill-awrtoritajiet Libici ghall-importazzjoni tal-prodotti fil-Libja u dana tramite Commercial Agency Agreement mas-socjeta' General Arab African Company (li hija l-agenzija ufficjalment rikonoxxuta ghal dan l-iskop mill-awtoritajiet libici) permezz ta' kuntrattat datat 16 ta' Lulju 1995, Dok B; illi ghalhekk il-konvenut adempixxa pienament u b'success ghall-inkarigu lilu moghti mis-socjeta' rikonvenuta u assigura ghall-istess socjeta' dak li kien gie mitlub biex jassigura; illi l-fatt illi s-socjeta' rikonvenuta wara dan l-izvilupp, baqghet tagixxi indipendentement mill-konvenut, li baqa' ma thallas ebda flus ghas-servizzi minnu rezi, ma kien bl-ebda mod fil-kontroll tal-konvenut; illi fil-kors tal-adempiment tal-inkarigu lilu moghti, l-awtur tal-konvenut f'diversi okkazzjonijiet, sia meta kien qed jahdem wahdu u sia ukoll meta dirigenti tas-socjeta' rikonvenuta nizzlu fil-Libja, affronta numru ta' spejjes taht kapijiet diversi; illi kif jirrizulta minn prospett hawn anness Dok C, dawn l-ispejjes, li jikkomprendu inter alia, akkomodazzjoni, biljetti varji u registrazzjonijiet, jammontaw ghas-somma ta' hamest elef sitt mija u tnejn u sebghin dinari libici (L.D.5,672.00); illi minn dan l-ammont is-socjeta' rikonvenuta diga rrifondiet lill-awtur tal-konvenut is-somma ta' US$2,235, li jammontaw

ghas-somma ta' sitt mija u sebghin punt hamsin dinari libici (L.D.670.50); illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghad fadallha thallas lill- konvenut is-somma ta' L.D. 5,001.50 liema somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta' rikonvenuta thallas lill-konvenut is-somma f'liri maltin ekwivalenti ghal L.D. 5,001.50 ammont minnha dovut kif fuq premess.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' rikonvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut rikonvenjent.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici presentata fit-18 ta' April 1997 li permezz taghha fir-rigward tal-kontro talba tal-konvenut eccepiet:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjes kontra tieghu stante illi ma huwiex minnu illi l-istess konvenut adempixxa l-inkarigu lilu moghti mis-socjeta' attrici, tant illi, ghal kuntrarju, huwa kkaguna danni u hsarat ingenti lis-socjeta' attrici, kif jigi pruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.
2. Illi s-socjeta' attrici qeghdha tikkontesta wkoll kemm l-ammont ta' spejjes allegatament inkorsi mill-konvenut, u kif ukoll il-valur

f’dinari libici tas-somma illi effettivament thallset mis-socjeta’ attrici lill-konvenut akkont ta’ l-ispejjes.

3. Illi kwalsiasi somma pretiza mill-konvenut giet pacjuta mas-somma tal-ispejjes illi nkorriet ukoll is-socjeta’ attrici fl-istess zmien, ghall-beneficcju tal-konvenut f’Malta.
4. Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici tikkontesta illi hija ghandha taghti xi flus lill-konvenut u certament, f’kull kaz, mhux is-somma pretiza minnu fil-kontro talba.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta attrici.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-5 ta’ Gunju 1997 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghiuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-24 ta’ Ottubru 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Novembru 1999 meta gie mahtur assistent gudizzjarju sabiex jigbor il-provi tal-konvenut izda minkejja diversi seduti u weghdiet dan naqas li jipproduci l-provi tieghu.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-28 ta’ Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghat-trattazzjoni finali ghas-seduta ta’ l-1 ta’ Gunju 2001 u l-verbal ta’ dik l-udjenza meta l-konvenut rega ma deherx u ghalhekk il-kawza, fuq talba tas-socjeta’ attrici thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza u l-kontro talba.

Ikkunsidrat:-

Fl-1995 is-socjeta' attrici kienet behsieba li tespandi n-negozju taghha billi tbiegh il-prodotti taghha fis-suq libjan. Ghalhekk kien sar diskors bejn il-kontendenti sabiex l-konvenut, li huwa ta' nazzjonalita' libika, jassiti lis-socjeta' attrici fit-tentattivi taghha biex din tidhol fis-suq libjan fejn tkun tista' tbiegh il-prodotti taghha u sussegwentement anke biex tippartecipa fi Fiera tal-hwejjeg f'dak il-pajjiz. Il-kuntatt principali tas-socjeta' attrici mal-konvenut kien tramite Tonio Wismayer, shareholder u direttur ta' l-istess socjeta', stante li dan kien mithla tal-konvenut u anke ta' membri ohra tal-familja tieghu li kienu f'diversi okkazzjonijiet jabitaw Malta.

Kien ghalhekk li Tonio Wismayer, flimkien ma impjegat tas-socjeta' attrici, tela' Tripoli fejn iltaqa' mal-konvenut li dar bihom u anke introducihom fejn kien hemm bzonn. Izda eventwalment in-negozju ma irnexxix billi l-Kumitat tal-Fiera, li kien jiehu hsieb l-ordnijiet, kien qed joffri prezzijiet ghall-prodotti tas-socjeta' attrici, li, fil-fehma tad-dirigenti tal-istess socjeta', kienu ridikoli u ma kienux jippermettulha li taghmel il-margini ta' profitt prospettat.

Matul id-diversi viziti ta' Tonio Wismayer fil-Libja, kien hemm mhux biss laqghat mal-Kumitat imsemmi izda ukoll saru diversi tentattivi, tramite persuni estranei, sabiex l-ghan tas-socjeta attrici jintlahaq billi jigu accettati l-prezzijiet taghha ghas-suq libjan. Infatti jirrizulta li gie inkarigat certu Ottman fuq bazi ta' "kummissjoni" sabiex dan jintercedi mal-kumitat sabiex jipprova jikkonvinci l-membri jaccettaw dak li kien qed jigi propost mis-socjeta' attrici. Ma dan sahansitra sar ftehim,

bil-miktub, fejn gie imwieghed certu kumpens ghall-intervent tieghu. B'dana kollu n-negozju xorta ma sehhx billi l-prezzijiet baqghu baxxi.

Waqt dawn it-trattativi jirrizulta li s-socjeta' attrici hallset lill-konvenut is-somma ta' elfejn mitejn u hamsa u tlettin dollari amerikani ($US2,235) sabiex dawn jaghmlu tajjeb ghall-ispejjes li dan kien qed jinkorri fil-Libja sabiex jassisti lir-rappresentant tas-socjeta' attrici. Ukoll thallset is-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500) li Ottman akkont tas-servizzi tieghu ossia kummissionijiet dovuti lilu jekk in-negozju jirnexxi. Peress li dan in-negozju ma sehhx is-socjeta' attrici qeghdha, permezz ta' dawn il-proceduri, titlob rifuzjoni tal-ammonti imhallsa kif fuq inghad minghand il-konvenut.

Ikkunsidrat:-

Dwar is-somma ta' $US2,235 jigi rilevat li dawn kien thallsu lill-konvenut bhala rifuzjoni tal-ispejjes inkorsi minnu fl-interess u akkont tar-rappresentanti tas-socjeta' attrici. Infatti jirrizulta li dan l-ammont kien gie offrut lill-missier il-konvenut li irrifjuta li jiehu l-flus, izda meta dawn gew offruti lill-konvenut gew accettati. Infatti l-istess xhud Tonio Wismayer jirrikonoxxi dan il-fatt u fix-xhieda tieghu jiddikjara bla ebda tlaqliq li dawn il-flus ma kienx qed jitlobhom lura minghand il-konvenut (vide fol 48 tax-xhieda tieghu tal-24 ta' Ottubru 1997). Jidher pero' li fl-ahhar okkazzjoni li iltaqghu l-partijiet gewwa l-Libja u meta gie deciz li l-intrapriza ma tissoktaxx, saru l-konteggi bejn il-kontendenti u gie determinat li l-konvenut kien realment nefaq u ghalhekk kellu jzomm ghalih, is-somma ta' US$1655. Dan jirrizulta mill-affidavit tal-istess Tonio Wismayer (Fol 77) u dak ta' Jason Vella, (fol 70) li effettivament hadem il-kunteggi mal-istess konvenut.

Ghalhekk jidher li l-konvenut kellu jirrifondi s-somma ta' US$580 mill-ammont lilu mhallas. Izda l-istess konvenut, f'dik l-okkazzjoni meta saru l-konteggi, insista li huwa ghandu wkoll jithallas 30% fuq il-kont, bhala kumpens ghas-servigi tieghu. Liema ammont kien jitla' ghal US$496 b'mod li l-bilanc li kien qed joffri bhala rifuzjoni lis-socjeta' attrici kien ta' US$80. Din it-talba ma gietx accettat mis-socjeta' attrici u ghalhekk ma sar ebda hlas. Dwar dan jidher li ma kien hemm ebda ftehim bejn l-istess socjeta' u l-konvenut fis-sens li ghandu jithallas kumpens ghal dak li ghamel u donnu jidher li s-servigi rezi mill-konvenut kienu b'sens ta' hbiberija li kienet tezisti bejn il-konvenut u Tonio Wismayer. Il-konvenut ma xhedx dwar dan u ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li filwaqt li l-konvenut ghandu jigi rifuz, kif fil-fatt gie imhallas, tal-ispejjes li huwa ghamel akkont tas-socjeta' attrici, ma jirrizultax li dan ghandu b'xi mod jithallas somma ulterjuri. Ghalhekk il-konvenut ghandu jirrifondi lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmenin dollaru amerikan.

Ikunsidrat:-

Dwar is-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500) imhallsa lill-Ottman jidher li dan il-pagament mhux talli ma sarx lill-konvenut izda kien intiz sabiex l-istess Ottman jaghmel dak kollu mehtieg biex jdawwar id-decizjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti tal-Fiera kif jghidu bl-ingliz "by whatever means". Dan l-arrangament jidher li kien kemm xejn suspettuz izda fi kwalunkwe kaz ma kienx jinvolvi lill-konvenut li, ghalkemm interceda bejn is-socjeta' attrici u dan Ottman billi introduca lil Tonio Wismayer mieghu, ma jidhirx li huwa ha xi flus imhallsa u kull pagament kien sar volontarjament mis-socjeta' attrici ghall-iskop li kien intiz.

Dan l-ammont ghalhekk mhux dovut mill-konvenut.

Ikkunsidrat:-

Dwar il-kontro talba tal-konvenut jidher li din hija intimament marbuta ma dak li intqal aktar ‘l fuq dwar r-rifuzjoni tas-somma depozitat mal-istess konvenut u intiza sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjes inkorsi minnu waqt li rappresentanti tas-socjeta’ attrici jkunu presenti fil-Libja. Li ma hemmx qbil huwa dwar ir-rata ta’ kambju tad-dollari mad-dinari libici billi filwaqt li l-konvenut rikonvenjent jsostni li l-ammont ta’ $US2235 kien ekwivalenti ghas-somma ta’ dinari libici 670.20, u ghalhekk l-istess konvenut ghad fadallu jiehu ghas-servigi minnu rezi, s-socjeta’ attrici qed isostni li l-valur tad-dollari fuq is-suq ‘klandestin’ fil-libja, kien xorta ohra u cioe L.D.3.4 ghall-kull dollaru amerikan. Dan jirrizulta sew mix-xhieda ta’ Jason Vella li sahansitra jghid li din ir-rata kienet miftehma mal-istess konvenut u uzata meta sar il-kuntegg finali u dik tal-istess Tonio Wismayer.

Illi fl-assenza ta’ prova kuntrarja ghal dak li xhedu r-rappresentanti tas-socjeta’ attrici dwar ir-rata ta’ kambju miftehma mall-konvenut, din il-Qorti ma tistax tiskarta is-sottomissjoni tas-socjeta’ attrici fis-sens li l-konvenut mhux talli gie debitament kumpensat ta’ l-ispejjes izda talli dan ghandu jirrifondi parti mill-ammont lilu mhallas.

Ikkunsidrat:-

Dwar it-talba ghad-danni maghmula mis-socjeta’ attrici din ma tistax tigi milqugha mhux biss billi ma ingiebu ebda provi fir-rigward izda ukoll

billi jirrizulta li effettivament il-konvenut adempixxa l-obbligi tieghu skond il-ftehim li kien limitat biss biex jassisti lir-rappresentanti tas-socjeta' attrici f'pajjiz barrani. Haga li l-istess Tonio Wismayer jammetti fix-xhieda tieghu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi tiddikjara li l-konvenut ghandu jirrifondi lis-socjeta' attrici ammont f'liri maltin bir-rata ta' kambju tallum is-somma ekwivalenti ghall-hames mija u tmenin dollaru amerikan ($US580) indebitament mizmuma minnu minn ammont imhallas lilu sabiex jkopri l-ispejjes inkorsi fl-interess tas-socjeta' attrici; tipprovdi ukoll billi tichad it-talba attrici ghar-rigward tal-ammont ta' hames mitt lira maltin (LM500) reklamati mill-istess socjeta' attrici; tichad ukoll it-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni billi dawn ma jirrizultawx. Fl-ahharnett tipprovdi fuq il-kontro talba tal-konvenut billi tiddikjara li din hija assorbita b'dak li inghad fir-rigward tat-talba ghar-rifuzjoni tad-depozitu mhallas u billi hemm tpacija bejn l-ammont reklamat minnu sa l-ammont ekwivalenti mizmum minnu.

Fic-cirkostanzi l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut mill-konvenut kif fuq inghad jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri